# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 214/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Kevin Zammit Briffa**

Illum id-disgħa (9) ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Kevin Zammit Briffa**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 431064(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fil-5 ta' Ġunju 2012 u xhur ta' wara fl-istess sena, f''Malta u bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. impjega jew ta xogħol lil persuna li ma kienx/kinitx persuna eżenti u li ma kellhiex liċenzja mogħtija lilha għal dak l-impieg jew xogħol skont id-disposizzjonjiet tal-Kaptitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. taħt l-istess ċirkostanzi, bħala persuna responsabbli li kien qed isir f'Malta, impjega persuna li ma kinitx ċittadin ta' Malta meta din il-persuna ma kellhiex permess validu u ufficjali;

3. fl-istess ċirkostanzi, bħala prinċipal jew persuna li timpjega persuni oħra, *full time*, *part time* jew xort'oħra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ b'dan l-impieg kif hemm stabbilit fl-Avviż Legali 110 tas-sena 1993 (3a sa 10).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' April 2016, fejn il-Qorti, wara li rat Artikolu 32(1)(b) tal-Kapitolu 217 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolamenti 3, 4, 7 u 10 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 343.23 tal-Liġijiet ta' Malta, u Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu jħallas multa ta' elf u ħames mitt Euro (€1,500).

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-5 ta' Mejju 2016 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-esponent minn kull ħtija u piena."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-25 ta' April 2016.

Illi l-fatti fil-qosor huma s-segwenti: L-appellant huwa *Manager* mas-soċjeta' Captain Morgan Cruises Limited. Jirriżulta li din il-kumpanija għamlet xi żmien taħdem ma' aġenzija barranija li tibgħat gruppi ta' turisti mill-Iżrael u li kellha bżonn persuna li titkellem il-lingwa Lhudija u ntbagħtet ċerta Lihi Ziv sabiex tieħu ħsieb dawn il-gruppi f'eskursjonijiet li jsiru mill-Captain Morgan Cruises Limited. Fit-2 ta' Awwissu 2013 kienet ġiet arrestata mara Iżraeljana li kienet inqabdet taħdem f'Malta illegalment. Kienet taħdem ta' gwida kif ukoll ta' interpretu. Minn verifi li twettqu rriżulta li din il-mara kienet Lihi Ziv. Inħareġ *removal order* kontriha imma hija appellat.

Illi qabel tipproċedi ulterjorment din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta wkoll, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Quddiem l-Ewwel Qorti, **Lihi Ziv** xehdet hekk (*a fol.* 56): *"I arrived on the 5th. August, 2012 to Malta. Jennifer Adams from Special Delivery brought me from Israel and told me that I'm working for her and for Kevin Zammit Briffa, Captain Morgan and I say Kevin Zammit Briffa becuase he was my boss, that man"*. Tgħid ukoll (*a fol.* 56): *"He give me the money a lot of times and he give me the orders and he promised me that he makes me persona non grata in the end, after four months."* Hija qalet li l-appellant allura imputat ipprovdilha akkomodazzjoni mill-5 ta' Ġunju 2012 sat-28 ta' Settembru 2012, f'liema perjodu qattgħet tmint ijiem minnhom fl-Iżrael. Tgħid li fl-ewwel ġurnata li waslet, l-appellant ta ħames mitt Euro (€500) imbagħad tħallset sitt mitt Euro (€600) f'kontanti u b'żieda ma' dan ingħatat l-akkommodazzjoi u ammont li jkopri l-għixien inkluż il-vettura, telefon u għaxra fil-mija (10%) bħala *commission*.

- **Joseph Saliba** (in rappreżentanza tal-*Employment and Training Corporation – a fol.* 91) xehed li l-appellant huwa *manager* mas-

soċjeta' Captain Morgan Cruises Ltd u li kien ilu f'din il-kariga mill-10 ta' Ġunju 1985. Jgħid li qatt ma kien ħareġ permess lil Lihi Ziv għall-applikazzjoni li kienet saret fil-5 ta' Settembru 2012 u li mbagħad kienet irtirata mis-soċjeta'.

- L-appellant allura imputat **Kevin Zammit Briffa** (*a fol.* 118 *et seq.*) xehed li hu *General Manager* mas-soċjeta' Captain Morgan Cruises. Jgħid li jieħu ħsieb id-*day-to-day running* tal-kumpanijia. Jgħid li kienet l-aġenzija ta' barra li bagħtet lil Lihi Ziv biex tieħu ħsieb it-turisti li l-aġenzija estera tkun bagħtet Malta. Huma riedu jaraw x'issarraf din il-persuna u fuq il-kotba tagħhom qatt ma tniżżlet bħala impjegata. Jgħid li hija qatt ma kienet impjegata mal-kumpanija u li bdew jagħtuha *float* u *commission* sakemm jiddeċiedu kinitx tajba għax-xogħol. Jgħid li kienet magħhom bħala prova. Jgħid li kienet ħadet sitt mitt Euro (€600) fix-xahar.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jissottometti li kellu kuntatt ma' Lihi Ziv minħabba li hu nkarigat bit-tmexxija tal-eskursjonijiet li torganizza s-soċjeta' li magħha huwa impjegat. Jgħid li huwa ma għandu ebda rappreżentanza tas-soċjeta' u meta saret applikazzjoni sabiex Lihi Ziv tkun impjegata, din saret minn ħaddieħor. Jgħid li hu m'għandux kontroll sħiħ fuq l-affarijiet.

Illi l-appellant jisħaq li huwa ma ġiex akkużat b'għemil li għamlet xi soċjeta' iżda b'għemil li għamel huwa stess bħala persuna privata li qed taġixxi f'isimha. Jgħid li sa fejn hu Lihi Ziv ma ntalbitx biex tmur taħdem mas-soċjeta' Captain Morgan Cruises u li kien intiż li l-persuna tipparteċipa f'perċentaġġ tad-dħul derivanti mit-turisti sakemm tkun f'pożizzjoni li tista' tirreġistra dħul. Jargumenta li għalih Lihi Ziv kienet qed taħdem għal rasha u li kull ħlas li kien qed isir kien intiż biex hi jkollha biex tgħix. Jgħid li ma kienx huwa li daħal fi ftehim ma' min bagħat lil Ziv f'Malta biex tieħu ħsieb it-turisti. Isostni li hemm dubju dettat mir-raġuni li għandu jmur favur tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għal Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:

> "Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat:
>
> [...]."

Illi l-appellant jissottometti li hu m'għandux ir-rappreżentanza tas-soċjeta' in kwistjoni u li għalhekk qatt ma seta' jinstab ħati tar-reati addebitati fil-konfront tiegħu. Iżda ħarsa mill-qrib lejn Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta malajr turi li wieħed m'għandux bżonn ikollu r-rappreżentanza ta' korp jew għaqda sabiex jinstab ħati ta' reat. Fil-fatt l-Artikolu 13 msemmi jsemmi nies bħala direttur, *manager,* segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda. L-artikolu b'ebda mod m'hu ristrett għal min għandu r-rappreżentanza legali tal-korp jew għaqda.

Illi fis-sentenza mogħtija fit-23 ta' Marzu 2012 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Cauchi et** (Numru 469/2011) din il-Qorti qalet hekk:

> "9. Fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant isostni li l-liġi fl-artikolu 13 tal-Kap. 249 tal-Liġijiet ta' Malta tirrikonoxxi li l-uffiċjal responsabbli sabiex jassigura l-adempiment tal-obbligi legali tal-għaqda ta' persuni huwa s-segretarju tal-għaqda tant li huwa dan l-uffiċjal li espliċitament jissemma fl-istess artikolu mentri l-kariga

> ta' President ma tissemma xejn. Huwa minnu li l-kariga ta' President ma tissemmiex fl-artikolu 13 imsemmi iżda huwa daqstant minnu li wara li dak l-artikolu jelenka l-karigi ta' direttur, *manager*, segretarju, jżid minnufih wara "jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f'dik il-kariga". Din il-Qorti ma għandha ebda dubbju li l-President ta' għaqda ta' persuni jikkwalifika bħala "uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda" u li għalhekk l-artikolu 13 imsemmi japplika għal dak l-uffiċjal, ċioè il-President, bħalma japplika għal direttur, *manager* jew segretarju. Għalhekk dan l-aggravju qed jiġi respint."

Illi fid-dawl ta' dak li ngħad dwar Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet u f'dak li kien deċiż fis-sentenza hawn fuq ċitata ġialadarba mill-provi jirriżulta li l-appellant huwa *manager* – jew kif jiddeskrivi lilu nnifsu stess fix-xhieda tiegħu: *general manager* – allura Artikolu 13 tal-Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta jgħodd għalih ukoll. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad l-ewwel parti tal-appell tal-appellant.

Illi l-Qorti eżaminat sew il-provi prodotti u qieset li l-appellant kien ilu fil-kariga ta' *manager* sa mis-sena 1985. Din il-Qorti ma għandhiex dubju li bħala *manager* jew *general manager* żgur kien konsapevoli li ma tistax tħallas persuna kif iddeskriva hu stess waqt id-depożizzjoni mogħtija minnu – kif ukoll tipprovdilha vettura, fejn toqgħod u għall-ikel – u fl-istess nifs tgħid li ma kinitx taħdem mas-soċjeta' in kwistjoni! Apparti dak li qalet Lihi Ziv fir-rigward tar-relazzjoni ta' xogħol tagħha mal-appellant, lanqas hija skuża aċċettabbli li jiġi sottomess li s-soċjeta' kienet għadha qed tara x'tip ta' persuna kienet qabel tieħu deċiżjoni dwarha. Il-liġi ma tippermettix li jkun hemm xi dilungar sabiex min iħaddem jgħarraf lil *Employment and Training Corporation* li għandu persuna taħdem miegħu.

Illi l-fatt li ċerti dmirijiet ikunu tqassmu fuq diversi persuni ma jfissirx li wieħed jista' jeħles mid-dmirijiet imposti fuqu bl-Att in kwistjoni. Minkejja li l-appellant jisħaq li huwa ma ġiex akkużat

b'għemil li għamlet xi soċjeta' iżda b'għemil li għamel huwa stess bħala persuna privata li qed taġixxi f'isimha, huwa wisq ovvju li huwa ġie akkużat bl-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu minħabba l-pożizzjoni tiegħu fis-soċjeta' Captain Morgan Cruises Limited. Għaldaqstant dak imressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu qed ikun kollu miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Kevin Zammit Briffa u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**